MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2007

Numru. 841/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi u Spettur Jesmond Borg)**

**versus**

**Carmel Mangion**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmel Mangion ta' 38 sena iben Carmel u Joan nee Diacono mwieled Pieta fit-8 ta' Gunju 1965 u residenti 14 Main Street Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 337965 (M)

Akkużat talli fis-26 ta' Settembru 2003 għall-ħabta tal-11.00pm, f'Hal Luqa, bil-hsieb li jagħmel delitt u cioe dak ta' serq minn go workshop garage, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi ħaga accidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu, u li kieku seħħ dan id-

delitt kien ikun kkwalifikat bil-mezz, ħin, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija għad-dannu ta’ Emanuel Saliba minn Hal Luqa.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, volontarjament hassar, għamel ħsara, jew għarraq ħaddiehor, mobbli jew immobbli, liema ħsara li ma tiskorrix il-ħamsin lira Maltija saret għad-dannu ta’ Emanuel Saliba u/jew persuni oħra.

Rat ic-certifikat tat-twelid ta’ l-imputat 3379 tas-sena 1965, il-fedina penali tiegħu a fol 3, il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex din il-procedura ssir sommarja bid-data tas-16 ta’ Ottubru 2003 (fol 6). Rat il-kunsens ta’ l-imputat li l-procedura tkun sommar, fol 10 u r-risposta tiegħu li mhux ħati, ir-ritratti esebiti a fol 15, l-istqarrija ta’ l-imputat, fol 17 u 18. A fol 22, Dok JJG li huwa l-okkorrenza ta’ l-incident, ricevuta li tinsab a fol 82 tal-process.

Semgħet ix-xhieda bil-gurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli prosekutur u ta’ l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Illi l-pulizija tad-distrett tar-Raħal il-Gdid kienu intercettaw persuna għall-ħabta tal-10.30pm f’Hal Luqa tas-27 ta’ Settembru 2003 li kien qed jipprova jisgassa garaxx. Il-garaxx kien ta’ mastrudaxxa u kien hemm ukoll il-karozza ħdejh tat-tip Opel Tigra bin-numru tar-registrazzjoni EBG 382 illi tappartjeni lill-imputat Carmel Mangion, l-istess persuna li nstab qed jisgassa dan il-bieb ta’ garaxx. Il-pulizija kienu kellmu kemm lill-imputat kif ukoll lil sid il-garaxx. Effettivament is-sid kien qal li vera li kellu jagħti xi flus lill-imputat pero qatt ma kien tah permess biex imur jieħu xi għodda.

<u>Stqarrija ta’ l-imputat</u>

Fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fis-27 ta’ Settembru 2003, l-imputat qal illi kien mar bil-karozza tieghu ħdejn il-

garaxx li fih kien jaħdem certu Leli biex jiftaħ il-garaxx u jieħu xi għodda u dan peress li kellu jieħu Lm264 ta' gimgħatejn xogħol li kien għamel ma Leli. Meta wasal fuq il-post, ħareg l-għodda minn gol-karozza jigifieri sega u mazza u beda jaqta l-ħadida, jigifieri l-flat bar tal-katnazz. Fil-fatt wara xi 10 minuti gew il-pulizija u staqsewh x'kien qed jagħmel u imbgħad ħaduh id-depot. L-imputat qal li kien icempel lil Leli kuljum għal dawn il-flus. Skond dan, huwa qallu li kien ser jisgassa l-bieb tal-garaxx u Leli kien qallu, għamel int, sal-jum ta' qabel stess. L-imputat kien qallu biex icempel lil sid il-kera biex jiftaħ il-katnazz. U Leli mar icempillu għax lil dan kellu jagħtih ukoll. Għall-mistoqsija 'allura ngħid sew li l-bieraħ inti mort fuq il-post biex tieħu affarijiet minn gol-garaxx talli Leli ma kienx ħallsek?' U r-risposta kienet 'iva'. Huwa kien ser jieħu kompressur u affarijiet li jammontaw għal LM264, fol 17. Mistoqsi jekk kienx jaf x'affarijiet kien hemm gewwa l-garaxx, huwa qal li kien hemm magni ta' l-injam u għodda li taħdem l-għamara. Ttieħdu xi ritratti li juru l-karozza ta' l-imputat, EBG 382 fil-kwartieri tal-pulizija, Opel Tigra fejn jidher torch, mazza u xi affarijiet oħra.

Xehed PS 182 Joseph John Grech illi esebixxi r-rapport biss. Il-pulizija kienu sabu lil Charles Mangion wara l-karozza tiegħu liebes l-ingwanti ħdejn il-garaxx. Meta l-pulizija waslu, Charles Mangion ma ppruvax jaħrab.

Xehed PC 447 Kevin Camilleri li kien mar fuq il-post flimkien ma kuntistabbli ieħor u dan qal illi l-imputat kien qed jissega, kellu katnazz hawn u kien hemm xi katnazz ma l-art u kellu xi sega f'idu. Huma staqsew lill-imputat x'kien qed jagħmel u qalilhom li kellu jieħu xi flus mingħand sid il-garaxx u kien qala katnazz minn mal-garaxx u minfloku kien ser jagħmel wieħed minn tiegħu biex jiddilja mod ieħor ma Leli. Meta muri r-ritratti, x-xhud qal li jgħaraf is-sega u l-ingwanti u kellu xi għodda ohra. Għaraf ukoll il-karozza Opel Tigra. U għaraf ukoll il-mazza, dawn kienu f'idejh u kienu barra. Dan baqa jinsisti li kien gab sega u l-mazza għax il-katnazz kien diga imqaccat.

Xehed l-ispettur Jesmond Borg li qal li l-pulizija kienet marret immedjatament fuq il-post meta kienet infurmata li kienet qed issir din is-serqa. L-imputat kien diga rnexxielu jissega parti mill-ilsien li miegħu kien imdendel il-katnazz u kien hemm ukoll marki ta' sgassar fuq partijiet oħra ta' dan il-bieb tal-ħadid. Hemm gew kien qal li kien jagħmel spray ta' l-għamara lil Leli izda dan ma kienx iħallsu. Għal hekk kien ddecieda li jidħol fil-workshop u jieħu b'kemm jiswa Lm250 makkinarju biex jitħallas.

Xehed PC1080 Evan Scerri, dan qal li kien sab lil Carmel Mangion jilgħab mal-bieb u kellu xi katnazz. Huwa kien qed jipprova jisgassah. Kienu kellmuh u qal li s-sid kellu jagħtih xi flus. Dwar l-għodda, dan nesa x'kienu ezatt. Pero mill-karozza kien zgur. Kellu xi ħaga f'idu biex jipprova jiftaħ il-katnazz. Mistoqsi mid-difiza jekk jiftakarx li l-imputat kien qallu li għandu cavetta tal-post, ix-xhud qal li ma jiftakarx u lanqas kien raha. Ix-xhud ftakar li kien hemm zewg katnazzi.

Xehed Emanuel Saliba li huwa s-sid tal-garaxx fejn għaraf lill-imputat u li kellu hu bħala sid jagħtih il-flus. Dak inhar li gara l-incident kien cempillu sid il-garaxx stess li jismu Pawlu għax il-garaxx kien mikri. Kien infurmah li l-pulizija kienu qalu lis-sid li l-bieb tal-garaxx kien qed jigi sgassat. Huwa qal illi propjament l-imputat beda jissega l-ħadida tal-katnazz għax l-imputat kellu cavetta tal-bieb. Tal-katnazz ma kellux. Il-Qorti staqsiet lix-xhud jekk l-imputat kellux affarijiet tiegħu hemm gew u r-risposta kienet li le. U a fol 33 qal 'kieku kienu tiegħu, fi tliet snin ma ħadhomx allura dan?' Meta jien jaħdem bl-ispray, gieli gab xi għodda l-imputat. Meta darba kien gab gun miegħu, dan ma ħalliehx hemm hekk. F'fol 36, dan ix-xhud nnega li kien hemm xi ħsara. Fil-kontro ezami huwa qal li l-imputat gieli kien fetaħ bic-cavetta. Ikkonferma li t-tip ta' għodda li għandu dan ix-xhud hija goffa u huma ta' certu valur wkoll. Mistoqsi jekk kellux spraygun min naha tad-difiza, huwa qal illi ma kienx jiftakar li l-imputat talabulu (fol 48) pero kieku kien hemm kien jagħtihulu zgur. Ikkonferma li kellu kwistjoni fuq il-flus. Ma kienx tahomlu mill-ewwel għax flus f'idejh ma kellux.

Xehed l-ispettur Jesmond Borg in kontro ezami u kien mistoqsi mid-difiza dwar ic-cavetta pero dan ix-xhud ma kienx f'posizzjoni dwar din ic-cavetta.

Meta rega kien riprodott l-Ispettur Geoffrey Azzopardi, dan ukoll ma kienx f'posizzjoni li jgħid jekk kienux gew elevati xi mfietaħ.

Xehed Charles Mangion illi a fol 67 qal li kien mar biex jieħu l-għodda, per ezempju l-spray gun ta' mal-kumpressur u kellu rutella u kellu martell. Dawn l-għodda kienu tiegħu personalment. Kienu hemm hekk ghax kien hadhom hu stess biex jaħdem bihom. Huwa kien impjegat u kien jieħu l-għodda biex jaħdem bihom. Huwa kien mar biex jieħu ħwejgu u mhux ħwejjeg ħaddieħor. Huwa kellu cavetta biex jiftaħ u jagħlaq. Kif wasal fuq il-post, ra katnazz gdid u l-imputat tenna l-oppost illi s-sid kellu jmur u jagħtihomlu l-affarijiet. Huwa kien waqaf meta mar fuq il-post għax sab katnazz gdid u ma setgħax jiftħu. Ic-cavetta kienet għandu dak il-ħin stess. Lill-pulizija wriehom li għandu cavetta pero ma tahielhomx. Lill-pulizija kien qallhom li ser jieħu ħwejgu, qallhom hawn katnazz u ser jcempel lil sid il-garaxx. Huwa qal illi din kien taha lill-pulizija u għandu ricevuta għax kien ħalla c-cavetta d-depot. Huwa kien ta c-cavetta tal-bieb lid-depot u mhux tal-katnazz, għax tal-katnazz ma kellux. Ix-xhud baqa jgħid li ma setgħax jiftaħ u għadu mingħajr l-għodda. L-imputat kellu wkoll affarijiet tad-diving. Dawn jikkonstitu f'maskra, torch, ingwanti, sega u mazza. Il-mazza kienet tal-baħar biex idendel xi mazra ta' xi dgħajsa. Fil-kontro ezami qal li issa l-flus kien ħadhom, għalkemm madwar 5 xhur wara. Dwar l-għodda qal li din kienet fil-bagoll. Ma sid il-garaxx, huwa kien jaħdem bħala sprayer. L-għodda fil-garaxx, hu ma kellux cans jeħodhom. U rega semma l-istess affarijiet, spraygun, rutella u martell. Huwa kien fil-11.00pm hemm hekk għax kien spicca mix-xogħol u mar biex jieħu l-għodda. B'kollox kellu jieħu Lm264, plus li kellu spraygun jiswa Lm72. Meta kienet inqratlu bicca mill-istqarrija li għamel a fol 77, huwa qal illi dak x'kienet fehmet il-pulizija. Huwa baqa jinsisti li l-għodda li kien hemm mal-kumpressur kienu tiegħu tiegħu. Huwa qal li ma kienx ser jieħu l-kompressur għax dak fih daqs nofs il-

bank u ma joqgħodx gol-karozza. Li ried jieħu kien l-spraygun ta' mal-kumpressur. Lis-sid kien cempillu u jgħidlu li kien sejjer u minn fuq il-post għamel xi telefonata u sab il-katnazz u cempel lil sid il-garaxx. Fid-dokument esebit a fol 82, hemm indikata receipt mill-pulizija stess u miktuba 'one key' bid-data tat-27 September 2003.

Fit-trattazzjoni, il-prosekuzzjoni insistiet li kien inqabad fil-fatt bl-għodda in kwistjoni li gew elevate mill-pulizija fil-kors ta' l-investigazzjoni inizjali. Carmel Mangion kien inkonsistenti f'dak li qal lill-Qorti dwar ir-raguni għala kien qiegħed hemm. Id-difiza qalet illi l-interpretazzjoni ta' serq għandha numru ta' elementi. Insistiet illi s-sid stess kien tah ic-cavetta u rreferiet għall-kaz, Pulizija vs Tanti tan-1944 fejn intqal li l-*animo lucrandi*, wieħed mill-elementi tas-serq jkun negattiv, kull oggett misruq huwa kaz ta' ragionfattasi. Dan kien ribattit f'decizjoni Maltija fil-31 ta' Jannar 2003 mill-Imhallef Dr. Joseph Galea Debono, fil-kaz Il-Pulizija vs John Galea. Id-difiza wkoll rrilevat xi nkonsistenti f'dak li qalu x-xhieda tal-prosekuzzjoni. Il-prosekuzzjoni insistiet illi sid il-ħanut kien ħa l-prekawzjoni li jibdel is-serratura u għal hekk ic-cavetta li kellu l-imputat ma kinitx ic-cavetta li tiffittja mas-serratura l-gdida. Dan juri li ma kienx hemm il-kunsens tas-sid. Dwar l-għodda li kien hemm, diffiċli li tgħid li mazza u sega huma affarijiet li jintużaw minn dawk li jagħmlu diving.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Il-Fatti**

Dwar il-fatti, jirriżulta bla ebda bubju li l-imputat kien fuq il-post indikat nhar is-26 ta' Settembru 2003 u li kien qed jissega katnazz sabiex jidħol fil-fond. Hemm differenzi bejn l-istqarrija ta' l-imputat u dak li qal waqt li qed jixhed. Mill-istqarrija jirriżulta li huwa kellu jieħu l-flus minn għand is-sid u li kien dieħel ġewwa permezz ta' sega u mazza sabiex jieħu 'kompressur u affarijiet li jammontaw għal Lm264' sabiex ipatti għall-ħlas li kien naqas jagħtih is-sid.

Hija din il-verżjoni li l-Qorti temmen aktar minn dak li qal l-imputat minn fuq il-pedana tax-xhud. Hawn l-istorja

inbidlet xi ftit, qal li l-Pulizija setgħet fehmet mod ieħor waqt l-istqarrija u li hu kien daħal għal xi gun u rutella li kienu tiegħu. Bir-rispett kollu l-istqarrija kienet iffirmata mill-imputat u ma fihiex l-irtokki li dehru wara. Mill-istqarrija toħroġ id-determinazzjoni ta' l-imputat li jitħallas mod ieħor għal dak li ma kienx onora min kien qabbdu jaħdem. Is-sega u l-mazza semmiehom l-imputat stess u l-mazzaz tidher fir-ritratt li ttieħed meta seħħ l-inċident.

Mix-xhieda ta' Emmanuel Saliba ma jidhirx li kien fadal affarijiet ta' l-imputat fil-post (li tassew li ġieli kien ħa xi għodda miegħu). Fil-fatt ix-xhud qal li kieku l-imputat żgur ħadhom għax kienu għaddew tliet snin. Il-pendenzi bejn l-imputat u Emmanuel Saliba issa kienu magħluqa.

Dwar l-element tat-tentattiv, l-att li kien qed jagħmel l-imputat, jissega l-ħadida beix jilliebra l-katnazz huwa żgur att ta' esekuzzjoni u mhux att ta' preparazzjoni.

Għalhekk fil-qasir, il-Qorti qed tiddeċiedi li kien qed isir tentattiv da parti ta' l-imputat sabiex jidħol fil-post imsemmi sabiex jitħallas b'idejh għal dejn li s-sid kellu lejh.

**Punti ta' Liġi.**

Il-punt ta' liġi l-aktar importanti huwa jekk l-imputat kellu l-animus lucrandi, element essenzjali fir-reat ta' serq. Skond in-Notit tal-Professur Sir Anthony Mamo:

'The animus lucrandi is also negatived if the thing is taken and carried away in the exercise of a pretended right in which case you have, in appropriate circumstances, the offence under section 84 (illum 85)(ragion fattasi) of the Criminal Code. '

Il-Professur ikompli hekk:

'Se la sottrazione della cosa altrui e' commessa o per pagarsi di un credito, o per compensarsi diun danno, o per esercitare sulla cosa un diritto ancorche' controverso, esula del fato, per commune consenso degli scrittor e pel

concetto dell'articolo in esame, l-imputabilita' a titolo di furto. (maino ibid. para. 1844)

Concerning this element of the crime of theft – the lucri causa – vide Criminal Appeal 'The Police versus Tanti' of December 9th 1944)[1]

Bħala parti mill-fatti l-Qorti qed taċċetta bħala fatt ippruvat li l-imputat kellu jieħu minn għand is-sur Emmanuel Saliba li f'dak iż-żmien.

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rribadiet l-istess punti fil-każ 'Il-Pulizija (Spettur P.Bond) versus John Galea u Paul Galea.'

Hawn saret referenza għal dak li qal il- Carrara stess:

'Si esclude in colui che credeva di aver ragione sopra la cosa o intendeva a ricattare un suo credito: il quale si rendera' responsabile di ragion fattasi ma non di furto.' Anzi l-istess awtur jgħid:

'L'eliminazione del furto per la sua conversione nel titolo di ragion fattasi ha una frequente applicazione. La vidi applicare ad una domestica che sedotta dal proprio padrone era fuggita dalla sua casa trasportando oggetti di valore per supplier alle spese del suo parto. Queste ed alter simili sono conseguenze del principio che al furto richiede il fine della locupletazione.'

Fil-każ ċitat keinet ħasset li dak li sar seta' sar bil-krdenza li l-att kien qed isir fl-eżerċizzju ta' dritt. U għalhekk kien jonqos l-animus lucrandi.

Fil-każ odjern il-Qorti qed tirraviża n-nuqqas ta' dan l-element. Il-metodi użati mill-imputat mhumiex dawk li trid il-Liġi, kemm dik ċivili kif ukoll dik kriminali. Biss lill-Qorti jirriżultalha li l-imputat ma kienx tħallas u ried li dak li ma ġabarx fi flus jinġabar f'affarijiet.

---

[1] Professor Anthony Mamo – Notes on Criminal Law – page 284 Part II.

Għaldaqstant, il-Qorti mhix issib lill-imputat ħati ta’ tentttiv ta’ serq kif hemm inidkat fl-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti mhix issib lill-imputat ħati ta’ ragion fattasi għaliex dan mhux kompriż u involut fir-reat ta’ serq.[2]

Il-Qorti qed tiddeċiedi wkoll li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx it-tieni imputazzjoni għaliex ma nġabet ebda prova ta’ xi ħsara. Għalhekk qed tillibera lill-imputat minnha wkoll.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 267, 270 u 325(10(d) tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputat miż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Ara: Appell Kriminali 243/2002 tat-30 ta’ Jannar 2003 ‘Il-Pulizija verus John Galea u Paul Galea paġina 11).